MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 896/2003/1

**Carmelo u Maria Teresa konjugi Farrugia**

**vs**

**Andre u Lucia konjugi Carbonaro**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Dicembru, 2003 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Mejju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200.00) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta mill-konvenuti bhala senserija fuq it-trasferiment ta' ishma fis-

socjeta' M.V.L. (Valletta) Limited skond ftehim li sar bejn il-partijiet.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:-

1. Preliminarjament it-talba hija nulla stante li l-atturi ma rredigewx l-Avviz tat-Talba taghhom kif tehtieg il-ligi, in partikolari stante li huma naqsu milli jindikaw id-data tal-allegata transazzjoni, u dan b'mod intenzjonali in vista tal-fatt li l-atturi jafu li t-talba taghhom hija preskritta;

2. Illi l-ligi ma taghtix dritt ghal senserija fuq trasferiment ta' ishma, anzi tipprojibixxi l-ghoti ta' tali servizzi min-naha ta' persuni mhux licenzjati bhala stockbrokers;

3. Illi f'kull kaz it-talba hija preskritta bit-trapass ta' tmintax il-xahar ai termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fil-mertu it-talba attrici hija nfondata fil-fat u fid-dritt stante li l-konvenuti m'humiex debituri tal-atturi.

Sema' x-xhiea tal-attur, tal-konvenut, tan-Nutar Erika Vella u ta' Dr. Jean Carl Farrugia.

Ra li fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2003 il-konvenuti irtiraw l-ewwel eccezzjoni minnhom sollevata.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda t-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwara t-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-atturi jirrigwarda servizzi ta' senserija dovuti fuq trasferiment ta' ishma fis-socjeta' M.V.L (Valletta) Limited mill-konvenuti lil terzi. Dan it-trasferiment sar fis-27 ta' Marzu 2000. L-atturi jsostnu li l-ammont miftiehem li kellu jithallas bhala senserija kien ta' Lm2100.00 u li fl-10 ta' Ottubru 2000 l-atturi effetwaw pagament akkont fi-somma ta' Lm900.00. Il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kap. 16, u cioe' il-preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar. Ikun ghalhekk opportun li l-ewwel tigi ezaminata u determinata din l-eccezzjoni.

M'hemmx dubju li l-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti hija l-preskeizzjoni applikabbli ghall-azzjoni attrici. Kif intqal fil-paragrafu precedenti in-negozju li ghalih tapplika s-senserija I kwistjoni sar fis-27 ta' Marzu 2000. Gie effetwat pagament akkont f'l-10 ta' Ottubru 2000. Dan il-pagamrnt ghalhekk interrompa l-preskrizzjoni. Sussegwentement l-atturi prezentaw zewg ittri ufficjali fejn interpellaw lill-konvenuti jhallsu l-bilanc ta' Lm1,200.00. Dawn l-ittri ufficjali gew prezentati fl-20 ta' Settembru 2002 u fl-20 ta' Marzu 2003 rispettivament. L-ewwel ittra ufficjali, u cioe' dik tal-20 ta' Settembru 2002 giet prezentata oltre t-tmintax il-xahar mid-data tal-ahhar pagament, u cioe' mill-10 ta' Ottubru 2000. L-atturi jsostnu li l-konvenuti kienu talbuhom zmien sabiex ihallsu l-bilanc u fil-bidu ta' din is-sena, u cioe' f'Jannar 2003, kien gie miftiehem appuntament man-Nutar Erika Vella sabiex issir kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debtu fejn il-konvenuti kienu ser jikkostitwixxu ruhhom debituri lejn l-atturi ghall-bilanc ta' Lm1,200.00 li kien ghadu dovut bhala senserija. L-atturi jirritjenu li dan kien jammonta ghal forma ta' transazzjoni u li ghalhekk gie nterott il-perijodu preskrittiv.

Fil-fehma tat-Tribunal l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-perijodu ta' preskrizzjoni gie fil-fat interott. Mill-provi rrizlulta biss li l-atturi kienu ffissaw appuntament man-Nutar Erika Vella sabiex isir kuntratt ta' kostotuzzjoni ta' debitu mal-konvenuti. Il-konvenuti, izda qatt ma attendew ghal dan l-appuntament u jinnegaw li fil-fatt qatt kienu ftehemu li jaghmlu din il-kostituzzjoni ta' debitu. In-Nutar Erika Vella ikkonfermat li fil-fatt l-atturi kienu ghamlu dan l-

appuntament u li l-avukat difensur tal-atturi kien ghaddielha draft tal-kostituzzjoni ta’ debitu izda hija xehdet ukoll li qatt ma kkomunikat mal-konvenuti jew mal-avukat difensur taghhom. It-Tribunal jidhirlu li ma giex pruvat soddisfacentement li saret xi forma ta’ transazzjoni bejn il-partijiet li tista’ tiqies li nterrompiet il-preskrizzjoni.

Una volta stabbilit li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kap. 16 u li ghalhekk ghandha tintlaqa’ it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, ikun inutili li li tigi ezaminata u deciza it-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess konvenuti.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jideciedi billi jilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kap. 16.

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu nterament mill-atturi skond il-ligi.”

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi li talbu r-revoka taghha in kwantu din laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti. L-aggravji taghhom huma cirkoskritti kif gej:-

1. B’mod generali huma jikkritikaw is-sentenza tat-Tribunal billi jaddebitawlu nuqqas ta’ apprezzament xieraq u komplet tal-provi mressqa. Huma jikkontendu illi gjaladarba kien appatwit illi l-hlas tas-senserija reklamata kellu jsir sa sena wara li kien konkjuz in-negozju, ergo t-terminu preskrittiv kellu jibda ghaddej minn eghluq din is-sena;

2. B’mod partikolari, t-Tribunal naqas li jezamina u jepura l-punt sollevat tar-rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-konvenuti, debituri taghhom. F’dan il-kuntest huma jillanjaw illi t-Tribunal naqas li jaghti rilevanza lil certi fatti dimostrattivi ta’ din ir-rinunzja minnhom allegata.

Ir-rejazzjoni tal-konvenuti appellati ghall-aggravji ntavolati qed tigi hekk riprodotta:-

1. Primarjament, huma qatt ma accettaw li kellhom jaghtu lill-appellanti s-senserija pretiza minnhom u inoltre l-ebda pagament u l-ebda kliem ma seta' jekwivali ghal ksur tal-preskrizzjoni jew tar-rinunzja taghha. Dan anke ghaliex il-provi ma kienux iwasslu ghal tali interruzzjoni jew rinunzja.

2. Kull diskussjoni li saret bejn il-partijiet kellha titqies li saret bla pregudizzju.

Qabel xejn din il-Qorti tara li jkun ferm opportun qabel konsiderazzjoni tal-aggravji partikolari illi, anke bl-ghajnuna ta' gurisprudenza affermata, jigu replikati certi proposizzjonijiet legali in materja ta' preskrizzjoni.

1. Skond l-Art 2137 tal-Kodici Civili "il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". L-istess Kodici mbaghad jipprovdi b'disposizzjonijiet specjali ohra kif din l-istess preskrizzjoni tista' tigi nterrotta. Inter alia, "b'kull att gudizzjarju" (Art 2128), jew "fejn id-debitur jaghraf il-jedd tal-parti l-ohra" (Art 2133) jew "bi hlas akkont tad-dejn" (Art 2134). Dejjem fl-istess Kodici l-ligi tirrikonoxxi l-fatt tar-rinunzja ghall-preskrizzjoni gja akkwistata (Art 2108 (2)). Markatament, ghalhekk, "il-preskrizzjoni tisfa' interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Imbaghad, fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun diga` ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghar-rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni" – "**Maria Lourdes Brincat -vs- Giuseppe Brincat et**", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1994.

2. Kif preskritt fl-Art 2109 tal-Kodici Civili, "ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew tacita". Fil-kaz tal-ewwel hemm bzonn li din tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci u mhux minn espressjonijiet generici (**Kollez. Vol XXVIII pIII p1154**). Fil-kaz ta' rinunzja tacita

jokkorri li l-kondotta tad-debitur tkun insita fil-volonta` inekwivokabbli tieghu li ma jiggjovax ruhu mill-preskrizzjoni kompjuta. Fi kliem iehor, “hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta’ atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu” (**Kollez Vol. XXXIV pII p646**).

3. Hekk, “ir-rinunzja tacita ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghad hlief meta ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut ried hekk” (**Kollez Vol XXIX pI p326**). B’ezemplari, ma tistax tikkonfigura r-rinunzja tacita bis-semplici inerzja tal-parti jew bl-accettazzjoni da parti tad-debitur li jiddiskuti l-meritu tal-pretiza jew it-trattattivi tendenti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza. Dan ghaliex, kif rikonoxxut, it-trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta’ xi ftehim huma dejjem minghajr pregudizzju. Ara “**Joseph Chircop et -vs- Salvatore Muscat noe**”, Appell, 28 ta’ April 2000 u r-rassenja ta’ decizjonijiet kompendjenti fiha.

4. L-indagini dwar ir-rinunzja tacita timplika necessarjament apprezzament ta’ fatt. Naturalment l-attur li jissollevaha jehtieglu jiddemostra mhux biss l-ezistenza ta’ fatt inkompatibbli mal-volonta` tad-debitur li jivvalora ruhu mill-preskrizzjoni izda wkoll li l-fatt hu derivat minn att spontaneju tad-debitur tieghu (**Kollez. Vol XXXVII pI p307**).

5. Certament, kif pacifikament akkolt, jitqiesu nkompatibbli mal-volonta` li ssostni l-preskrizzjoni:-

(a) ir-rikonjizzjoni tad-debitu, li jista’ jkun prezunt jew indirett, u dippju lanqas hemm bzonn li r-rikonoxximent ikun ghal kwantita` kollha u jista’ wkoll jirrigwarda kreditu illikwidu (**Kollez. Vol XLIII pII p744**). Dak li hu mportanti hu li tali rikonoxximent ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol XXXVIII pIII p723**).

(b) Il-pagament akkont (**Kollez Vol XLIII pII p684**; **Vol XXIX pI p755**) jew il-weghda tal-hlas b’rati;

(c) Meta d-debitur jesprimi ruhu fis-sens li ma ghandux jaghti daqs kemm gie mitlub jew ikun ivvanta l-kompensazzjoni ("**Raymond Vella -vs- Moby Rentals Ltd**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001).

F'sitwazzjonijiet konsimili jitqies principju validu li ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni ghax ikun ifisser li b'att spontaneju tieghu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza d-debitur ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni (**Kollez. Vol XXXVII pI p310**).

Premessi s-suesposti principji ta' dritt 'in subjecta materia', jibda biex jigi osservat illi l-appellanti mhumiex jikkontestaw l-applikabilita` ghall-kaz tal-preskrizzjoni qasira eccepita a norma tal-Artikolu 2148 (e) tal-Kodici Civili. Huma pero` jitilqu mill-punt illi kien konkordat illi s-senserija reklamata kellha tithallas b'rati ta' mitt lira (Lm100) fix-xahar. Jissoktaw jargomentaw illi in vista tal-allegat patt it-terminu preskrittiv kellu jibda jghaddi wara sena mis-27 ta' Marzu 2000, data li fiha kien konkjuz in-negozju bejn l-appellati u t-terzi. Dan ghaliex kif minnhom sostnut l-appellati kellhom ihallsu l-blanc ta' Lm1200 mis-27 ta' Marzu 2001 u sakemm ma kienx ghadda dak iz-zmien huma ma kienux f'posizzjoni li jezigu l-hlas.

Mill-analisi tal-provi jidher li din l-affermazzjoni tal-appellanti dwar il-modalita` tal-hlas hi sew kontrastata mill-appellati. Hekk l-appellat Andre Carbonaro mhux biss jikkontendi li "qatt ma kien hemm akkordi specifici fuq kumpens dovut jew le" (fol 18) talli jirribatti wkoll illi deherlu li l-attur thallas bizzejjed tas-servizzi li kien ippresta (fol 19). Li jfisser li l-appellati mhux biss ma rrikonoxxewx il-ftehim allegat talli addirittura lanqas ma rrikonoxxew it-talba ghal hlas ta' kull bilanc pretiz, fl-liema kaz il-preskrizzjoni eccepita tibqa' valida ghal din il-parti tad-dejn li ma gietx rikonoxxuta mid-debitur.

F'dawn ic-cirkostanzi sewwa ghalhekk iddecieda t-Tribunal illi gjaladarba l-ahhar pagament gie effettwat fl-10 ta' Ottubru 2000 t-terminu preskrittiv ta' tmintax il-xahar, li

rega' beda ghaddej minn dakinhar, ma giex interrott in kwantu l-ewwel ittra ufficjali giet prezentata biss fl-20 ta' Settembru 2002.

Dan stabbilit, l-atturi appellanti htiegilhom allura jissodisfaw lill-Qorti li kien hemm da parti tal-konvenuti debituri taghhom jew ir-rikonoxximent tal-obbligazzjoni jew, alternattivament, ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni gja akkwistata. Jekk huma jonqsu li jgibu prova perswaziva ta' wahda jew tal-ohra, l-preskrizzjoni brevi eccepita, prezuntiva tal-pagament, jibqa' jkollha l-effetti kollha taghha. Gja intqal fuq illi l-fatt li l-pretiz debitur jaccetta li jikkunsidra l-kwistjoni jew li lest li jirrizolvi l-kwestjoni in linea ta' transazzjoni jew b'mod bonarju iehor ma kienx jammonta ghal rikonoxximent interruttiv kontemplat bl-Artikolu 2133, Kap 16.

Issa l-atturi appellanti jippretendu illi kien hemm din l-interruzzjoni, u jibbazaw din il-pretensjoni taghhom fuq ic-cirkostanza li l-konvenut appellat kien accetta li jersaq fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, fatt dan li baqa' ma immaterjalizzax. Gjaladarba din l-accettazzjoni jinghad li saret f'Jannar 2003, u allura wara d-dekorriment tal-perijodu preskrittiv legali, l-appellanti jsostnu li tali rikonoxximent kellu jigi tradott f'rinunzja da parti tal-appellati. Dan huma jiddezumuh ukoll minn certu kliem espress mill-konvenut Andre Carbonaro. Ad exemplum, li "kienu ser jitkellmu" jew li kien bi hsiebu "jirrizolvi l-kwestjoni pendenti".

Applikati l-principji aktar 'l fuq accennati, bl-ebda sforz ta' bon sens u tal-logika guridika ma jista' jinghad illi minn dak sostenut mill-appellanti kapaci jigi ravvizat illi fil-kaz in ispecje kien hemm rikonoxximent univoku jew ammissjoni tal-ezistenza tad-dejn. Multo magis, imbaghad, meta hemm dikjarazzjoni reiterata in kuntrarju. Pjuttost ukoll, il-kliem fuq riportat mhux biss ma jikkostitwixxux rikonjizzjoni tad-debitu izda ghal kuntrarju wkoll "dimostrebbero dubbiezza nell'animo del debitore intorno alla pretesa del credito" (**Kollez. Vol XXIV pI p388**).

Minn dan kollu fil-fehma konsiderata tal-Qorti jitnissel illi l-provi prodotti ma jwasslux, b'konvinzjoni, biex jigi stabbilit, b'xi atteggjament tal-konvenuti appellati, illi kien hemm rikonoxximent tad-dejn reklamat wara l-iskadenza tat-terminu u allura rinunzja tal-preskrizzjoni gja kompita. Jista' fil-fatt jinghad li mill-fatti akkwiziti fil-process l-allegata rinunzja tacita tad-drittijiet ma gietx mill-appellanti sodisfacentement provata in linea ta' difiza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni moghtija. Effettivament, kif gja manifest, ic-cirkostanzi pervenuti ma kienux adegwatament iwasslu, b'mod car u uniku, ghall-presuppost tal-abbandun tad-dritt da parti tal-appellati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b'hekk, anke jekk issa ghal ragunijiet izjed elaborati, tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew ukoll mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------